MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 8 ta' Novembru 2019**

**Kumpilazzjoni numru 1019/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Elton Briffa**
**(ID: 288188M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Elton Briffa** akkużat talli fil-5 ta' Settembru 2008, għall-ħabta tal-11:30hrs, ġewwa Triq Sant'Antnin, Marsaskala, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Josef Abdul Hedi skont kif iċċertifika Dr. Massimo Abela mill-Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fil-5 ta’ Settembru 2008, għall-ħabta ta’ 12:00hrs, ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa Raħal Ġdid, ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Josef Abdul Hedi skont kif iċċertifikat Dr. Lara Attard miċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid permezz ta’ wheel brace u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b’għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti permezz ta’ digriet tal-Prim’Imħallef tas-26 ta’ Ottubru 2018 wara li l-kawża kienet tħalliet *sine die* fil-25 ta’ Frar 2015 minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkużat dwar inċident li seħħ fil-5 ta’ Settembru 2008, liema inċident allegatament beda ġewwa Marsaskala u kompla fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunità li tisma’, wara li għaddew ammont ta’ snin, lill-allegata vittma u wkoll lil xhud li kienet preżenti għall-allegati inċidenti.

Illi minn dak li xehed il-vittma jirriżulta illi kien hemm ġlieda ġewwa Marsaskala bejnu u bejn l-imputat fejn hu safa’ mweġġa’ wara li l-imputat gidimlu subajh. Jirriżulta wkoll illi sussegwentement l-imputat, ħu l-imputat u l-vittma reġgħu ltaqgħu ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Raħal Ġdid u nqalgħat ġlieda hemm ukoll, però dwar dan l-aħħar inċident, il-vittma xehed li x’aktarx kien ħu l-imputat li tah daqqa ta’ *wheel brace*.

Illi għalhekk mill-provi prodotti, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel, it-tieni u r-raba’ imputazzjoni però mhux it-tielet imputazzjoni peress li l-vittma stess stqarret illi x’aktarx li kien hu l-imputat li kkaġunalu l-ferita sofferta minnu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat artikolu 216 u 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara lill-imputat **Elton Briffa** ħati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba’ imputazzjoni filwaqt li tilliberah mit-tielet imputazzjoni. Bħala piena l-Qorti qiegħda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax (18)-il xahar mil-lum u dan ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta spjegat lill-ħati fi kliem ċar, kemm ir-responsabilità tiegħu u x’jiġri jekk hu jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta’ tmintax (18)-il xahar mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur